MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CLAIRE-LOUISE STAFRACE**

Seduta tat-23 ta' Jannar, 2012

Numru. 754/2011

**Il-Pulizija**
**[Spettur Maurice Curmi]**

**vs**

**Jason Ghigo**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Jason Ghigo u detentur tal-karta tal-identita` numru 548087(M)

Akkuzat talli;

F'Gunju 2011 u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda – approprja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta'

haddiehor li kien gie fdat jew ikkunsinnjat lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat u cioè s-somma ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda mhux aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) fi flus kontanti u oggetti ohra ghad-detriment tas-socjeta' *Seven Estates Limited*, ai termini tal-artikoli **18 u 293** tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, ai termini tal-artikoli **532A, 532B u 533** tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti ipprezentati, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza odjerna tigi trattata bi procedura sommarja;

Semghet l-ezami tal-imputat fejn irregistra ammissjoni ghall-akkuza kif dedota kontrih, u l-konferma ta' tali ammssjoni wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista' jirregola ruhu

Ghaldaqstant, u wara li rat l-Artikoli 18 u 293 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta qeghda ssib lill-imputat Jason Ghigo hati tal-akkuza kif dedotta kontrih u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 tikkundannah sitt (6) xhur prigunerija sospizi ghal sena (1) b'dan illi l-imputat ghandu jhallas lill-parte civile s-somma ta' €1,981.55 fi zmien sitt (6) xhur mil-lum.

Finalment, spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------